MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 961/2009

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**-vs-**

**Helu Measuring Instruments Limited (C14175)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-6 ta’ Ottubru 2009 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

Illi permezz ta’ skrittura privata tal-għaxra (10) ta’ Diċembru elf disa’ mija u wieħed u disgħin (1991) (Dok A), il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta’ Malta għan-nom tal-Gvern ta’ Malta kriet lis-soċjeta’ estera S.T.O.R.M. SpA l-fabbrika bin-numru UB3 fil-Qasam Industrijali ta’ San Gwann tal-kejl superfiċjali ta’ *circa* elfejn, erba’ mija u sebgħin metru kwadru (2,470$m^2$), u dan għal perjodu ta’ (16) sittax-il sena dekorribbli mill-ewwel (1) ta’ Novembru elf disa’ mija

u tnejn u disgħin (1992) prorogabbli għal perjodi oħra ta' għaxar (10) snin-il wieħed sa massimu ta' sitta u erbgħin (46) sena versu l-kera annwa ta' sebat elef ħames mija u sitta u erbgħin lira Maltija (Lm7,546) ekwivalenti għal sbatax-il elf ħames mija u sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€17,577.45) rivedibli kull ħames (5) snin b'dan li l-kera għall-ewwel tliet (3) snin kellha tkun ridotta skond kif provdut fl-imsemmija skrittura;

Illi tali kirja kienet soġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom li sabiex is-soċjeta' inkwilina tipprevalixxi ruħha mill-jedd li tirrinova l-kirja wara l-iskadenza tat-terminu oriġinali ta' 16-il sena kellha tagħti avviż sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tali skadenza, u ċjoe' kellha tagħti avviż sa mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008).

Illi *inoltre*, is-soċjeta' inkwilina kellha timpjega mhux anqas minn sebgħin (70) persuna, u dan filwaqt li tuża l-fabbrika għall-manifattura ta' *"scientific precision and measuring instruments"*;

Illi *inoltre* l-kirja kellha tiġi terminata fl-eventwalita' li l-inkwilina tibqa' moruża fil-ħlas ta' kera imqar ta' sena waħda biss jew f'ammont ekwivalenti għal sena kera;

Illi s-soċjeta' inkwilina kellha l-jedd illi tassenja l-obbliġi u l-jeddijiet lokatizji tagħha lis-soċjeta' S.T.O.R.M. Instruments (Malta) Limited li dak iż-żmien li sar il-kuntratt kienet għada mhux kostitwita;

Illi effettivament is-soċjeta' konvenuta ġiet kostitwita fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awissu elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) u reġistrata bl-isem "S.T.O.R.M. Instruments (Malta) Limited" u bin-numru "C14175". Sussegwentement, l-isem tal-kumpanija tbiddel għal "Helu Measuring Instruments Limited" u effettivament is-soċjeta' konvenuta assumiet l-obbliġi u l-jeddijiet lokatizji;

Illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avviżi legali tliet mija u sittin u tliet mija u wieħed u sittin tas-sena elfejn u erbgħa (A.L

360, 361 ta' l-2004), is-soċjeta'esponenti assumiet kull jedd jew obbligu ta' amministrazzjoni tal-beni *de quo* għan-nom tal-Gvern ta' Malta fir-rigward tal-beni immobbli mogħtija in lokazzjoni tant li l-kera kellha tibda titħallas għand l-esponenti;

Illi minkejja li din il-kirja llum għalqet is-soċjeta' konvenuta għadha in okkupazzjoni tal-fond *de quo;*

Illi *inoltre* s-soċjeta' konvenuta baqgħet moruża fil-ħlas ta' kera fl-ammont ta' mitejn u għoxrin elf u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€220,060.07) liema ammont jirrappreżenta arretrati ta' kera sal-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u tmienja (2008), u dan kif jidher mill-prospett anness u mmarkat "Dok B";

Illi minkejja li l-istess soċjeta' konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas tali ammont u dan anke permezz ta' ittri uffiċjali preżentati nhar id-disgħa (9) ta' Marzu elfejn u ħamsa (2005) (Dok C) u tal-ħmistax (15) ta' Ġunju elfejn u disgħa (2009) (Dok D), hi baqgħet inadempjenti u *inoltre* minkejja li għalaq il-perjodu lokatizju s-soċjeta' konvenuta baqgħet in okkupazzjoni tal-fond, u għalhekk is-soċjeta' esponenti qed tipproċedi bl-odjerna kawża għar-ripresa tal-fond mikri u għall-kanonizżżazzjoni tal-kreditu lilha dovut;

Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attriċi huma eżegwibbli kontra s-soċjeta' konvenuta u għalhekk jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa sabiex jiġi dispensat s-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12, u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjoni valida x'tissolleva f'dina l-kawża;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-kirja tal-fabbrika bin-numru UB3 il-Qasam Industrijali ta' San Gwann li saret bi skrittura privata tal-10 ta' Diċembru 1991 ġiet terminata u *ciononostante* s-soċjeta' konvenuta naqset milli tiżgombra mill-fond *de quo* filwaqt li baqgħet moruża fil-ħlas tal-kera fl-ammont ta' €220,060.07 u peress li s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tissolleva

f'din il-kawża, għandha tinstema' bil-proċedura sommarja speċjali.

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni, jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss tiżgombra mill-fabbrika UB3 fil-Qasam Industrijali ta' San Gwann, u tikkonsenja ċ-ċwievet tal-istess fabbrika lis-soċjeta' attriċi.

3. Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' mitejn u erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u tlieta u disgħin Euro u tlettax il-ċenteżmu *(sic)* (€220,060.07) liema ammont huwa dovut lis-soċjeta' istanti *in linea* ta' arretrati ta' kera sal-perjodu li għalaq nħar il-31 ta' Ottubru 2008;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tad-9 ta' Marzu 2005 (Dok C) u tal-15 ta' Ġunju 2009 (Dok D) u bl-imgħax kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta in subizzjoni, u b'riżerva għal kull jedd ta' azzjoni spettanti lis-soċjeta' attriċi għall-ħlas ta' kwalsiasi somma ulterjuri talvolta dovuta sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-11 ta' Diċembru 2009 li permezz tiegħu s-soċjeta' konvenuta giet awtorizzata tikkontesta l-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Helu Measuring Instruments Limited (C-14175) preżentata fit-30 ta' Diċembru 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan *stante* illi s-soċjeta' esponenti kienet infurmat bil-

miktub lis-soċjeta’ rikorrenti illi hija riedet teżerċita d-dritt mogħti lilha taħt l-Artikolu 1 tal-iskrittura privata datata 10 ta’ Diċembru, 1991, u dan kif ser jiġi ippruvat aħjar fil-kors tal-kawża.

Illi t-tielet talba tas-soċjeta’ rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan *stante* illi l-istess soċjeta’ esponenti ma kellhiex il-godiment tal-fond lokat a tenur tal-iskrittura privata datata 10 ta’ Diċembru, 1991 u kwindi il-kera pretiża mis-soċjeta’ rikorrenti m’hiex dovuta mis-soċjeta’ esponenti u dana dovut għall-fatt illi s-soċjeta’ rikorrenti naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet tagħha kontenuti fl-Artikolu 7 tal-iskrittura privata liema nuqqasijiet xejnu l-godiment tal-fond lokat għas-soċjeta’ esponenti u kkaġunaw danni inġenti lis-soċjeta’ esponenti, u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors tal-kawża, u għal dawn id-danni l-istess soċjeta’ esponenti qegħda kontestwalment tippreżenta kontro-talba kontra s-soċjeta’ rikorrenti.

Illi, mingħajr preġudizzju għat-tieni eċċezzjoni, it-tielet talba tas-soċjeta’ rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti u dan *stante* illi l-ammont indikat fir-rikors ġuramentat mis-soċjeta’ rikorrenti huwa, fi kwalunkwe każ, ħażin u skorrett u allura eċċessiv u allura mhux dovut, u dan kif ser jiġi ippruvat aħjar fil-kors tal-kawża.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta’ Lulju 2009, kontra l-istess soċjeta’ rikorrenti illi minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-istess soċjeta’ konvenuta li permezz tagħha premettiet:

Illi permezz ta’ skrittura privata tal-10 ta’ Diċembru 1991, (annessa mar-rikors ġuramentat u markat Dok. A), il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta’ Malta għan-nom tal-Gvern ta’ Malta kriet lis-soċjeta’ estera S.T.O.R.M. Malta SpA l-

fabbrika bin-numru UB3 fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann tal-kejl superfiċjali ta' *circa* elfejn, erba' mija u sebgħin metru kwadru (2.740m$^2$) u dan għal perjodu ta' (16) sittax-il sena dekorribbli mill-1 ta' Novembru, 1992 prorogabbli għal perjodi oħra ta' għaxar (10) snin-il wieħed versu l-kera annwa ta' sebat elef ħames mija u sitta u erbgħin lira Maltija (Lm7,546) ekwivalenti għal sbatax-il elf ħames mija u sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€17,577.45) rivedibbli kull ħames (5) snin, b'dan li l-kera għall-ewwel tliet (3) snin kellha tkun ridotta skond kif provdut fl-imsemmija skrittura;

Illi tali kirja kienet timponi fuq is-soċjeta' rikonvenzjonata l-obbligazzjoni (*inter alia*) kontenuta fl-Artikolu 7.4. illi tagħmel fil-fond lokat numru ta' riparazzjonijiet u xogħlijiet illi kienu jagħmlu l-fond adattat għall-użu identifikat fl-imsemmija skrittura privata nnifisha.

Illi, madankollu, l-istess soċjeta' rikonvenzjonata kisret dawn l-obbligazzjonijiet tagħha u naqset milli tagħmel tali riparazzjonijiet.

Illi dan il-ksur sfiq mis-soċjeta' rikonvenzjonata illi tagħmel dawn ir-riparazzjonijiet u xogħlijiet ikkaġunaw danni inġenti lis-soċjeta' rikonvenzjonanti u naqqsu bil-kbir il-godiment tal-fond lokat lill-istess soċjeta' rikonvenzjonanti.

Illi dawn id-danni huma, *inter alia*, ir-riżultat dirett tal-fatt illi l-produzzjoni fil-fond lokat ma setgħetx titkompla u dan irriżulta f' telf u danni inġenti għas-soċjeta' rikonvenzjonanti li xejnu bil-kbir is-saħħa ekonomika tas-soċjeta' rikonvenzjonanti b' konsegwenzi serji ħafna.

Illi, *inoltre* l-istess soċjeta' rikonvenzjonanti kienet ippruvat tidħol fi ftehim ma' soċjeta' terza, Dolphin Industrial Services Ltd., sabiex tittrasferixxi l-ishma tagħha lil din l-istess soċjeta' u dan bi ftehim mas-soċjeta' rikonvenzjonata, iżda din l-istess soċjeta' rikonvenzjonata naqset, mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt, milli tippermetti dan it-trasferiment u dan in-nuqqas waħdu ikkaġuna wkoll danni lill-istess soċjeta' rikonvenzjonanti.

Illi s-soċjeta’ rikonvenzjonanti għaldaqstant sofriet danni inġenti ħafna *stante* l-aġir illegali, abbużiv u negliġenti tas-soċjeta’ rikonvenzjonata u għaldaqstant, kellha tippreżenta din il-kontro-talba.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikonvenzjonanti esponenti titlob riverentement lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta’ rikonvenzjonata hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjeta’ rikonvenzjonanti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjeta’ rikonvenzjonanti okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-soċjeta’ rikonvenzjonata tħallas lis-soċjeta’ rikonvenzjonanti l-ammont ta’ danni hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta’ Lulju 2009 kontra l-istess soċjeta’ rikonvenjatali minn issa hija u l-uffiċjali kollha tagħha huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta’ konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta’ attrici ppreżentata fid-19 ta’ Jannar 2010 li permezz tagħha ppremettiet:

Illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda *stante* li s-soċjeta’ esponenti dejjem aġixxiet kif imiss u fil-limiti tal-kuntratt;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għal-premess, illi s-soċjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti trid tipprova d-danni li qed tgħid li sofriet;

Subordinatament u mingħajr preġudixxju għall-premess illi s-soċjeta’ konventa rikonvenzjonanti kkontribwixxiet għad-danni li qed tirreklama peress li naqset milli tirrikorri għar-rimedji li kellha sabiex titlob lil sid il-kera jagħmel tiswijiet jew addirittura li tagħmilhom hi a spejjeż tas-sid f’każ ta’

inadempjenza u mhux tistenna li jagħlaq il-kuntratt tal-kera, ma tħallasx kera għal snin sħaħ u tistenna li ssir kawża kontriha sabiex taġixxi;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi kemm-il darba jiġu likwidati danni a favur tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, għandha ssir tpaċija mal-ammont minnha dovut lis-soċjeta' esponenti mertu ta' din il-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits, u semgħet il-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Mario Cassar bħala espert tekniku li ġie nominat mill-Qorti;

Rat in-nota tas-soċjeta' attriċi preżentata fil-21 ta' Frar 2012 li permezz tagħha ddikjarat li l-ammont indikat fit-tielet talba attriċi għandu jaqra *"mitejn u għoxrin elf u sittin Ewro u seba' ċenteżmi"* (€220,060.07) minflok l-ammont indikat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta attriċi qed titlob l-iżgumbrament tas-soċjeta' konvenuta mill-fond allokat lilha bl-iskrittura msemmija. Hija qed tibbaża t-talba tagħha minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kera; is-soċjeta konvenuta qed teċċepixxi li l-proprjeta' in kwistjoni ma ġietx mantnuta kif kellu jsir b'riżultat li hija qatt ma setgħet tgawdiha kif suppost kellha tagħmel b'riżultat tal-lokazzjoni. Hija eċċepiet ukoll li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi huwa eċċessiv. Għandu jingħad li *nonostante* din l-eċċezzjoni, matul il-kors tal-kawża l-ammont ma ġiex kontestat u kwindi wieħed għandu

jikkonkludi bilfors li l-ammont mitlub huwa dovut u li għalhekk is-soċjeta' konvenuta kienet moruża fil-ħlas tal-kera u *prima facie* hemm lok li s-soċjeta' attriċi titlob ix-xoljiment tal-lokazzjoni u l-iżgumbrament relattiv.

Illi kwindi *nonostante* l-voluminosita' tal-proċess, il-Qorti għandha tiddeċiedi jekk is-soċjeta' konvenuta hix qed tgħid is-sewwa rigwardanti l-istat tal-fond u jekk hu hekk kienitx ġustifikata ma tħallasx il-kera.

Illi fil-kawża **"George Grech et vs Pierre Spiteri"** (10 ta' Mejju 2010) din il-Qorti kellha okkażjoni tikkummenta illi:

*"Din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-konvenut qed jgħid il-verita' meta jgħid li huwa ma setax ikollu l-permess minħabba l-fatt li l-atturi kienu ssospendew il-permess u waqqfu milli jħallsu għal numru ta' snin. Kif xehdu l-uffiċjali tad-dipartiment in kwistjoni, huwa ma setax jerġa' jagħti l-ħajja lill-permess jekk ma jħallasx dawk l-arretrati u din il-policy hija maħsuba biex ma jkunx hemm abbużi fis-sens li xi ħadd ma jħallasx il-liċenzji perjodikament bl-iskuża li l-ħanut ikun magħluq.*

*Madankollu l-konvenut xorta ma kienx ġustifikat li ma jħallasx il-kera. Huwa kien obbligat jagħmel dan kjarament mill-kuntratt li permezz tiegħu kera l-ħanut mingħand l-atturi u allura ladarba m'għamilx dan l-atturi huma ntitolati għat-talbiet li għamlu. Il-konvenut messu aġixxa mod ieħor, iżda sfortunatament għalih irrikorra għal parir legali meta kien tard wisq, u ċjoe' meta rċieva r-rikors promotur. Anke l-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar il-lokazzjoni jsemmu biss każ wieħed fejn il-kerrej jista' ma jħallasx kera (fejn ikun hemm ħsarat li jirrikjedu tiswijiet urġenti) ... ..."*

Illi f'dan il-każ, is-soċjeta' konvenuta kienet tenuta li żżomm il-fond fi stat tajjeb skond il-kuntratt ta' lokazzjoni (fol 11); infatti ġie miftiehem illi:

*"7.1 The lessees shall repair and make good all defects, decays and wants (whether ordinary or extraordinary) of which notice in writing shall be given to by the lessor to*

*the lessees and for which the lessees shall be liable hereunder within three months or such longer period as may be specified by the lessor after the giving of such notice.*

*7.3 Repairs and maintenance whether of an ordinary or of an extraordinary nature, in respect of the roof of the factory shall be the responsibility of the company."*

Illi mir-rapport peritali jirriżulta li ħafna mill-ħsara fil-fond ġew ikkawżati minħabba l-inadegwatezza tas-saqaf u nuqqas ġenerali ta' manutenzjoni. L-uniku punt favur is-soċjeta' konvenuta huwa l-fatt li skond l-espert tekniku t-tip tas-saqaf tal-fabbrika kien użat ħafna fis-snin li nbniet (*circa* erbgħin sena ilu) iżda llum instab li ma kienx addattat għat-temp sħun ta' pajjiżna. Dan ma kienx tort tas-soċjeta' konvenuta. Madankollu kif jidher minn dak li ġia' ngħad, kienet responsabbilta' tagħha li tieħu ħsieb il-manutenzjoni u allura dawk il-ħsarat li ġraw minħabba f'nuqqas ta' manutenzjoni kienet responsabilita' tagħha. X'aktarx, anke kieku saret din il-manutenzjoni, maż-żmien il-probemi kienu jinqalgħu xorta waħda u għalhekk il-Qorti se tieħu konsiderazzjoni ta' dan meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż fir-rigward tar-rapport. Ir-rapport peritali infatti jaqbel li hemm ħsara kbira fil-fond, iżda jgħid ukoll illi b'manutenzjoni addattata, il-*life span* tas-soqfa kienet tikber.

Illi jidher ukoll li għalkemm il-problemi fl-istruttura tal-fabbrika bdew kważi mill-bidu, is-soċjeta' konvenuta, minflok ottomperat ruħha mal-artikoli rilevanti (1541 *et sequitur*) tal-Kodiċi Ċivili u avżat b'att ġudizzjarju lis-soċjeta' attriċi filwaqt li għamlet ix-xogħolijiet hi stess jekk dawn kienu ta' natura urġenti, qabdet u ma ħallsitx il-kera. Kif intqal anke fil-kawża fuq ċitata, dan mhux mod kif inkwilin jaġixxi.

Illi stabbilit dan, il-Qorti jidhrilha li m'għandhiex għalfejn tiddelibera aktar u kienet x'kienet ir-raġuni s-soċjeta' konvenuta qatt ma kellha xi dritt li tirrifjuta li tħallas l-kera; seta' kellha u jista' jkun li għandha, rimedji oħra. Ma hemmx lok anqas li l-Qorti tistabbilixxi jekk hemmx

raġunjiet oħra (indikati fir-rikors promotur) biex is-soċjeta' attriċi għandhiex dritt titlob it-tmiem tal-kirja. Dwar l-ammont tal-kera dovut, għalkemm ġie kontestat fir-risposta, ma nġabet ebda prova biex tirribatti l-prova li ressqet is-soċjeta' attriċi, u kwindi l-ammonti mitluba huma evidentement dovuti. Dan kollu wkoll ifisser illi t-talbiet tas-soċjeta' konvenuta fil-kontro-talba tagħha lanqas ma huma fondati.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* li l-konvenuti ġew awtorizzati jikkontestaw il-kawża, tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet l-oħra attriċi, u kwindi filwaqt li tordna lill-istess soċjeta' konvenuta tiżgombra mill-fond imsemmi fir-rikors fi żmien xahrejn, tikkundannaha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba ta' mitejn u għoxrin elf u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€220,060.07), bl-imgħaxijiet kif mitluba u bir-riserva ta' kull ammont ieħor dovut minn dakinhar.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' attriċi, u kwindi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' konvenuta.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta, salv għal dawk tar-rapport peritali li għandhom jitħallsu terz mis-soċjeta' attriċi u żewġ terzi minn dik konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------